MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1783/2001/1

**Ma.Re.Si. Shipping Limited**

**vs**

**Malta Maritime Authority u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2002, giet kjamata in kawza s-socjeta` Cottonera Waterfront Group p.l.c.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm633.53), u fejn intqal:**
**Illi s-socjeta` attrici hija sid il-vapur MV Island Seaway, liema vapur kellu jiddahhal fil-bacir numru 1 tal-Malta Drydocks fl-20 ta' Dicembru, 2000;**

**Illi s-socjeta` attrici, skond kif titlob il-prassi, infurmat lill-konvenuti fuq imsemmija fuq l-ispustjar tal-vapur imsemmi;**

**Illi fil-“passageway” illi taghti ghall-bacir imsemmi, kien hemm baga qeda timblokka l-passagg u bhala rizultat dina l-baga intlaqtet mill-vapur u b’hekk giet kkawzata hsara lill-imsemmija baga;**

**Illi fis-26 ta’ Dicembru, 2000, il-vapur proprjeta` ta’ l-atturi kellha tohrog mill-bacir, izda billi l-baga imsemmija kienet ghadha qeda timblokka l-“passageway” il-vapur ma setax johrog, u b’hekk l-atturi kellhom jistennew sakemm l-konvenuti jiehdu l-passi mehtiega sabiex l-baga titnehha;**

**Illi minhabba d-dewmien da parti tal-konvenuti biex jittiehdu l-passi mehtiega l-vapur seta’ johrog mill-bacir biss fit-28 ta’ Dicembru, 2000;**

**Illi ghalhekk minhabba nadempjenza tal-konvenuti, s-socjeta` attrici sofriet danni ammontanti ghall-sitt mija tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm633.53);**

**Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici kif ukoll kundannat ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija danni ammontanti ghall-sitt mija tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm633.53);**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali ta’ l-1 ta’ Mejju, 2001, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-Malta Maritime Authority prezentata fil-21 ta’ Frar, 2002, fejn gie eccepit:**
**i. illi preliminarjament l-Awtorita` konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur peress illi l-“passageway” illi taghti ghal-bacir numru 1 tal-Malta Drydocks, u cioe` fejn kienet tinsab il-baga in**

**kwistjoni, ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta' l-Awtorita` konvenuta;**
**ii. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` konvenuta mhijiex responsabbli ghad-danni allegati mis-socjeta` attrici u m'ghandha taghti xejn lill-istess socjeta` attrici;**
**iii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` attrici trid tipprova l-allegati danni li sofriet kif ukoll li dawn l-allegati danni graw rizultat tar-ragunijiet li ssemmi l-istess socjeta` attrici.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza Cottonera Waterfront Group p.l.c. prezentata fit-12 t'April, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici dedotti kontra l-kjamata in kawza huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, u dana ghar-ragunijiet segwenti:**

**Illi preliminarjament s-socjeta` eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur, u dana ghaliex l-ebda kompetenza u/jew xort'ohra ta' kontroll fuq il-"passageway" fejn allegatament gara l-incident in kwistjoni, u dana kif ser jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;**

**Illi minghajr hsara ghall-premess, anke jekk is-socjeta` eccipjenti kellha kompetenza u/jew xort'ohra ta' kontroll (u dana m'huwiex ammess) ir-responsabilita` kif tirrizulta mill-fatti premessi mis-socjeta` attrici, zgur ma tistax tkun addebitata lis-socjeta` eccipjenti;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Adrian Mifsud, Etienne Attard u Tonio Hili. Semgha t-trattazzjoni dwar il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghall-danni li sofriet is-socjeta` attrici meta l-vapur Island Seaway ma setax johrog mill-bacir minhabba baga li kienet qed**

**tostakolalu l-passagg. Jirrizulta li l-Island Seaway kien laqat mal-imsemmija baga hu u diehel fil-bacir fl-20 ta' Dicembru, 2000. Fis-26 ta' Dicembru il-vapur imsemmi ried johrog u ma setax minhabba l-imsemmija baga, u ghalhekk kellu jistenna sat-28 ta' Dicembru, sakemm din il-baga tnehhiet min-nofs.**

**2. Ghalhekk jidher li hemm zewg punti li huma determinanti ghas-soluzzjoni ta' dan il-kaz. Fl-ewwel lok min kellu gurisdizzjoni fuq il-"passageway", u fit-tieni lok min kien responsabbli ghall-baga msemmija.**

**3. Skond ma xehed Adrian Mifsud, proprjeatrju ta' Island Seaway, huma kienu avzaw lil Malta Maritime Authority u lid-Drydocks sabiex jixxiftjaw il-vapur ghall-"dock one". Hija l-Awtorita` Marittima li tissenjala l-ispostament, u tiehu hsieb tavza lill-pilot li l-ispostament ikun awtorizzat. Jirrizulta li fil-fatt il-pilot Anthony Chetcuti kien abbord.**

**4. L-istess xhud spjega li biex jidhol f'"Dock One" il-vapur irid jghaddi minn post limitat, fejn hemm kemm bagi u dghajjes. Il-vapur laqat ma wahda minnhom waqt li diehel, u hallas ghad-danni lil A & J Company. Jirrizulta li wara li dahal fil-bacir, l-atturi kienu infurmaw lill-Awtorita` Marittima, Dok.EA3 esibit, sabiex jiehdu hsieb li ma jkunx hemm ostakoli meta jaslu biex johorgu, u skond Mifsud dawn kellhom jipprovdu.**

**5. Meta wasal biex johrog, sabu li l-baga ghada hemm, u konsegwentement il-vapur ma harigx dak in-nhar, u kellhom ihallsu lid-Drydock talli damu gurnata ohra fil-bacir. Jirrizulta li l-baga tnehhiet minn membri tal-Forzi Armati, Dok.AM1. Bhala spejjez kien hemm ukoll il-kancellazzjoni tal-pilot, u l-kancellazzjoni tat-tugboat. Id-danni ammontaw ghall-sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm633.53).**

**6. Etienne Attard, l-Operations Executive tal-Awtorita` Marittima qal li kienu gew infurmati bl-incident, u huma kienu qalu li dak jaqa' taht ir-responsabilita` tal-Cottonera Waterfront Group. L-Awtorita` Marittima infurmat lill-Cottonera Waterfront Group, li kienu taw il-permess biex titpogga l-baga,**

**sabiex inehhu din l-istess baga li kienet qed tostakola l-hrug ghall-vapur tas-socjeta` attrici.**

**7. Skond Etienne Attard il-vapur ma harigx fis-26 jew 27 ta' Dicembru peress li kien hemm twissija ta' rih qawwi, liema avviz spicca fit-28 ta' Dicembru, 2000. Fil-fatt mid-DokEA5 esibit jirrizulta li l-bahar kien "Rather rough becoming rough". Ma jirrizultax li din kienet raguni sufficjenti li tipprevjeni il-vapur milli jisposta ruhu mill-bacir. Ma jirrizultax li kien hemm xi kundizzjonjiet meteorologici tali li minhabba fihom il-port kien maghluq ghat-traffiku.**

**8. Skond Attard, huma infurmaw lil Forzi Armati biex inehhu l-baga peress li l-Cottonera Waterfront Group ma haditx azzjoni biex din titnehha.**

**9. Etienne Attard innota wkoll li l-awtorita` Marittima ma tkunx avzata dwar imbarkazzjonijiet dehlin ghand il-Cottonera Waterfront Group, izda jkunu infurmati il-Port Control.**

**10.Toni Hili, Financial Controller tal-Cottonera Waterfront Group, ma jaqbilx ma dak li qal Attard, u jsostni li kull imbarkazzjoni li tidhol hemm trid l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita` Marittima, u huma jkunu jafu biss dwar imbarkazzjonijiet dehlin fil-marina taghhom u mhux imbarkazzjonijiet dehlin f'postijiet ohra.**

**11.Issa jekk wiehed jara l-Klawsola 19 tal-kuntratt tat-2 ta' Gunju, 1999, fl-atti tan-Nutar Dr. Vincent Miceli, Dok.EA2, li biha inghatat koncessjoni lill-Cottonera Waterfront Group, jinghad hekk:**

**"The Malta Maritime Authority…………is granting to the Cottonera Waterfront Group p.l.c. which accepts and acquires the exclusive right to construct and install, own, operate, develop, control and promote a Yacht Marina in the Sea <u>and the area in Dockyard Creek</u>, in the limits of Senglea, Cospicua, and Birgu, shown bordered in red and numbered one, two and three on Plan Land Drawing……"**

**Fil-klawsola 20(ii) ikomplu jinghad li qed jigi koncess ukoll lill-Cottonera Waterfront Group id-dritt:**

**"To grant <u>mooring and/or berthing rights</u> to third parties under such conditions as it may deem**

**appropriate for the use of such facilities and the grant of such rights."**

**12.Anke l-Artikolu 28 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li jistghu jsiru regolamenti separati u differenti dwar l-passaggi ghal go portijiet differenti.**

**13.Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li tassew ir-responsabilita` fil-kaz prezenti kienet taqa' fuq l-Cottonera Waterfront Group p.l.c, u kienu dawn, li kellhom "berthing rights" hemm, li kellhom ir-responsabilita` li jiehdu hsieb li min jittrakka mal-moll ma johloqx ostakolu ghall-vapuri li riedu jidhlu f'Dockyard Creek. Konsegwentement l-Awtorita` Marittima ma ghandha ebda responsabilita` ghall dak li gara, u hija biss is-socjeta` kjamata in kawza li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet s-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jakkolji l-eccezzjoni sollevata mill-Malta Maritime Authority li ma hijiex il-legittimu kontradittur, qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront ta-Cottonera Waterfront Group p.l.c., u jikkundanna lill-istess Cottonera Waterfront Group p.l.c. ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm633.53) bl-imghax dekoribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, in kwantu ghall-dawk fil-konfront tal-Malta Maritime Autority ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici, filwaqt li l-kumplament ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` kjamata in kawza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------